**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 10**
**Appell Nru: 83/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Abraham Zammit, u**
**Spettur Martin Sammut )**

**Vs**

**CYPRIAN CASSAR**
**-------omissis-------**

**Illum, 25 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Cyprian Cassar talli fil-5 ta'Jannar, 2000, u fil-granet ta' qabel, f'hinijiet differenti, gewwa Marsascala, Rahal Gdid u f'bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti li saru fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda :

1. Iffalsifika biljetti ta' flus jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati w li kienu jafu li huma falsifikati, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. Minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli, xtara jew irceva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus falsifikati u li kien jaf li l-istess kienu falsifikati, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta ;
3. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza', dwar xi grajja kimerika jew b'qerq iehor, ghamel qligh ta' aktar minn Lm20 ghad-dannu tas-socjetajiet "Sweet Shop", Sun City Palais, Marsascala, "Country Style Doughnuts", Marsascala, "Gallarija Complex", Fgura, "Douglas", Rahal Gdid, u bosta persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 17 t'April, 2001, li biha sabet lill-Cyprian Cassar hati ta' dawn l-akkuzi, u lliberatu ai termini ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar.

Rat ir-rikors t'appell ta' Cyprian Cassar datat 26 ta'April, 2001, li bih talab li din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata w tinvja l-atti quddiem l-ewwel Qorti ghas-sentenza wara li hu jkun jista' jitratta l-kaz tieghu skond il-ligi w jressaq il-provi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-ilment ta’ l-appellant hu li l-ewwel Qorti kienet zbaljat meta fis-sentenza taghha iddikjarat li hu, bhala wiehed mill-imputati originarjament f’dawn il-proceduri, kien ammetta l-akkuzi dedotti kontrih, dan ghaliex, fil-fatt hu qatt ma kien ghamel hekk, w mbaghad ghaddiet biex issibu hati . Barra minn hekk, jilmenta mill-fatt ukoll li dik il-Qorti qabdet u ghaddiet ghas-sentenza taghha minghajr ma’ l-ewwel taghtu l-opportunita’ li jressaq il-provi tieghu w issir il-finali trattazzjoni.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi huwa minnu li l-ewwel Qorti kienet iddikjarat fis-sentenza taghha li l-appellant, li kien qed jidher quddiemha ma’ ko-imputati ohra fl-istess proceduri, kien ammetta l-akkuzi mressqa kontrih, u li, ghalhekk, ghaddiet biex issibu hati wara din l-ammissjoni w applikat fil-kaz tieghu l-provvedimenti taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 152.

L-appellant jghid li hu qatt ma ammetta l-akkuzi dedotti kontrih. Fil-fatt minn ezami tal-verbali tas-seduti li saru quddiem l-ewwel Qorti, u l-Qorti trid toqghod fuq dak li hemm fl-atti, imkien ma jirrizulta li kien hemm xi ammissjoni f’dawn il-proceduri la mill-istess appellant u lanqas minn xi ko-imputat iehor.

Il-verbali li huma importanti ghal dak li jirrigwarda dan l-aggravju ta’ l-appellant huma dawk li jrreferu ghall-ahhar zewg seduti li saru quddiem l-ewwel Qorti, cioe’ dik tat-22 ta’Marzu, 2001, u dik tas-17 t’April, 2001.

Fis-seduta tat-22 ta’Marzu, 2001, kull ma hemm verbalizzat hu li fil-presenza ta’ l-imputati kollha, xi whud minnhom assistiti mill-avukati difensuri taghhom, nqraw l-Artikoli tal-ligi li tahthom gew akkuzati mill-Avukat Generali, u kollha taw il-kunsens taghhom biex il-kawza tigi deciza sommarjament mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’Gudikatura Kriminali. Hemm imnizzel ukoll illi ghalhekk dik il-Qorti iddifferiet il-kawza ghas-17 ta’April, 2001, ghall-provi tad-difiza. Sa hawnhekk kollox jidher normali.

Fil-verbal tas-seduta tas-17 ta'April, 2001, meta suppost din kienet biex l-imputati jressqu l-provi taghhom, hemm imnizzel li dehru l-Ispetturi Sammut u Zammit kif ukoll l-imputati. Hemm imnizzel li imputat bil-kunjom ta'Tonna kien assistit mill-Avukat M. Sciriha w l-imputat Agius assistit mill-P.L. V. Bugeja. Ma hemm xejn x'jindika li l-allura imputat Cyprian Cassar, l-appellant, kien assistit mill-avukat tieghu f'dik is-seduta. Anzi fit-trattazzjoni verbali ta'dan l-appell, gie konfermat mill-avukat difensur ta' l-appellant li hu verament ma kienx prezenti biex jassisti lill-appellant f'dik is-seduta tas-17 t'April, 2001. Hemm imnizzel imbaghad li l-kawza giet deciza, u dan minghajr ma fil-fatt tressqu l-provi tad-difiza, kif suppost kellu jsir, u minghajr ma hemm xi ammissjoni registrata.

Hu ferm ovvju ghalhekk li l-appellant ghandu ragun iressaq dan l-aggravju tieghu ghaliex gja' la darba hu ma rregistra ebda ammissjoni fis-seduta tas-17 ta'April, 2001, u lanqas ma kellu jassistih dik in-nhar l-avukat difensur tieghu, l-ewwel Qorti ma kelliex taqbad u tiddeciedi l-kawza f'dik is-seduta stess, izda thalliha ghal darb'ohra biex Cyprian Cassar iressaq il-provi tieghu. Din il-Qorti ma tistghax tifhem kif u ghaliex l-ewwel Qorti qabdet habta w sabta ddecidiet dawn il-proceduri fis-17 ta'April, 2001, meta skond il-verbal tas-seduta precedenti, dik in-nhar il-kawza kienet ghall-provi tad-difiza w meta ma jirrizultax mill-atti li kien hemm xi ammissjoni, kontrarjament ghal dak li hemm fis-sentenza appellata. Jidher ghalhekk li l-appellant ma nghatax l-opportunita' li jiddefendi ruhu b'mod xieraq billi jressaq il-provi tieghu, inkluz li jaghti x-xhieda tieghu bil-gurament jekk ihoss il-bzonn, u ssir il-finali trattazzjoni mill-avukat difensur tieghu. Dak li ghamlet l-ewwel Qorti jindika li kollox sar bl-ghagla u b'mod negligenti w dan jirrendi s-sentenza taghha nulla.

Ghalhekk, il-Qorti tilqa' l-appell ta'Cyprian Cassar u filwaqt li qed tannulla s-sentenza appellata, tordna li l-atti jintbghatu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali sabiex, anke minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, hemhekk hu jinghata l-opportunita' li jressaq il-provi tieghu w ssir it-trattazzjoni finali quddiem dik il-Qorti li imbaghad ghandha tiddeciedi fuq il-meritu safejn jikkoncerna dan l-appellant.

Aldo Testone

Deputat Registratur